# EŻAMIJIET ANNWALI TA’ L-ISKOLA PRIMARJA 2003

Taqsima ta’ l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta’ l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA** **RELIĠJON** **Ħin: SIEGĦA**

**Isem u Kunjom:** ______________________________ **Klassi:** __________

**1. Dawn huma sentenzi dwar David. Kompli s-sentenzi billi tagħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** **(10 marki)**





| | | |
|---|---|---|
| <u>Eżempju</u>: Isaj, missier David, ġab lil uliedu quddiem | | <u>Samwel</u>.<br>Isaija.<br>Eżekjel. |
| a) | David kien midluk mill-profeta biex ikun | il-mexxej tal-poplu Lhudi.<br>sajjied.<br>qassis. |
| b) | Minn daqsxejn ta' ragħaj David sar | kantant famuż.<br>sultan kbir.<br>għalliem bravu. |
| ċ) | David irnexxielu jirbaħ | lil sħabu waqt il-logħob.<br>lit-Torok.<br>lill-gwerrier kbir Gulija. |
| d) | David kien iħobb idoqq l-arpa u jikteb | salmi bħala tifħir lil Alla.<br>ħafna stejjer sbieħ.<br>il-vanġelu. |
| e) | Għalkemm għamel dnub kbir, Alla ħafirlu | għax gerger.<br>għax talab maħfra.<br>għax kien idoqq l-arpa. |

**2.**




It-tmien kmandament jgħid "La tixhidx ħaġa b'oħra." Agħmel ċirku madwar l-ismijiet ta' dawk it-tfal li jipprovaw jobdu dan il-kmandament.
(10 marki)

Eżempju: (Doreen) qatt ma titkellem ħażin fuq ħadd.

a) Għalkemm Marija kienet taf li tista' tiġi kkastigata, xorta waħda ma beżgħatx tgħid li kienet waqfet mix-xogħol meta ħareġ l-għalliem mill-klassi.

b) Lino jgħid li meta ma jkunx jaqbel lilek aħjar tigdeb.

ċ) Charles iddispjaċih li qal kelma b'oħra fuq Michael u għalhekk talbu skuża.

d) Xandru jgħid biss affarijiet sbieħ fuq ħaddieħor.

e) Oliver qal li ma jimpurtax li titkellem fuq id-difetti ta' xi ħadd meta tkun il-verita'.

**3.** Imla l-vojt bl-ismijiet tal-persuni miktubin fil-kaxxa biex turi x'wettqu f'ħajjithom. Ara l-eżempju. (10 marki)

| | | |
|---|---|---|
| San Franġisk | ~~Mose'~~ | Il-Beatu Dun Ġorġ Preca |
| San Martin | San Ġużepp | San Domenico Savio |

Eżempju: __Mose'__ ħeles lill-poplu Lhudi mill-jasar ta' l-Eġittu.

a) ____________________________ ħa ħsieb tat-tfajjel Ġesu' u ta' Marija.

b) ____________________________ telaq kull ġid u flus. Għamel l-ewwel presepju.

ċ) ____________________________ kien iwaqqaf il-ġlied u jgħid le għad-dnub.

d) ____________________________ beda t-tagħlim tad-duttrina għat-tfal f'Malta.

e) ____________________________ kien isqof u kien jagħmel karita' mal-fqar.

4. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar Marija billi tagħmel sing taħt it-tweġibiet it-tajba. (10 marki)

Eżempju: X'għandna nagħmlu biex inkunu bħal Marija?
(Nobdu 'l Alla dejjem, niddevertu, naraw it-T.V., naqraw, niktbu pulit)

a) Liema huma x-xhur ddedikati lil Madonna?
(Mejju u Ottubru, Jannar u Diċembru, April u Novembru)

b) Kif insejħulha lil Marija għax kienet meħlusa mid-dnub?
(Madonna, Omm Alla, Immakulata Kunċizzjoni, Sultana, Ommna)

ċ) X'kien jisimha l-kuġina ta' Marija?
(Anna, Sara, Eliżabetta, Sefora, Tereża)

d) Min ħabbar lil Marija li kellha tkun omm Alla?
(Ġużeppi, L-anġlu Gabriel, L-Ispirtu s-Santu, Eliżabetta, David)

e) "Hienja int li emmint dak li bagħat jgħidlek il-Mulej".
Min qal dan il-kliem?
(L-anġlu Gabriel, Ġużeppi, Eliżabetta, Żakkarija, Xmun)

5. **Ikteb il-kliem nieqes fit-talba ta' l-Anġlu t'Alla.** **(10 marki)**



L-Anġlu t' ________________ ħabbar lil ________________,
U hija saret ________________ mill- ______________
s-________________.

Hawn hi l-qaddejja tal- ________________,
Ikun ________________ skond kelmtek.

U l-________________ t' Alla sar ________________,
U għammar ________________.

**6. Imla l-vojt billi tagħżel mill-kliem miktubin fil-kaxex dwar il-ġrajja ta’ San Martin.** **(10 marki)**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **isqof** | **ħolma** | ~~**Ġesu'**~~ | **suldat** | **tallab** | **wieħed** |
| **iż-żgħar** | **flus** | **tajjeb** | **miegħu** | **mantell** | |



**Eżempju:**

**Ta’ et^ żgħira, Martin wera li kien iħobb lil Ġesu'.**

a) Meta kiber sar ________________ bħal missieru.

b) Hu dejjem qeda dmiru ________________.

ċ) Jum wieħed meta kien ma’ sħabu ltaqa’ ma’ ________________.

d) Martin ma kellux ________________ x’jagħtih.

e) Għalhekk qasam il- ________________ tiegħu u tah nofsu.

f) Bil-lejl, Martin kellu ________________.

ġ) Ġesu' wrieh li dak li kien għamel, kien qisu għamlu ________________.

g) Wara xi żmien, Martin telaq minn suldat, sar qassis u wara laħaq ________________ ta’ Tours fi Franza.

għ) Ġesu’ jgħidilna: “Dak li tagħmlu ma’ __________________ minn dawn ________________ , tkunu qegħdin tagħmluh miegħi.”

**7. Aqra s-sentenzi li qal Ġesu'. Wieġeb il-mistoqsijiet.** **(10 marki)**

a) "Ħenjin **il-fqar f'qalbhom** għax tagħhom hija s-saltna tas-smewwiet".
Min huma l-fqar f'qalbhom?

_______________________________________________

_______________________________________________

b) "Ħenjin dawk li huma **safja f'qalbhom**".
Min huma s-safja f'qalbhom?

_______________________________________________

_______________________________________________

**8. Aqra s-sentenzi ta' taħt. Kompli kull sentenza billi tikteb x'tista' tagħmel f'kull eżempju biex iżżomm il-paċi, kif iridna Ġesu'.** **(10 marki)**

**Eżempju: Meta ma naqbilx ma' ħaddieħor fuq il-programm li nixtieq nara fuq it-T.V., jien irrid nagħti każ ta' dak li jixtiequ jaraw l-oħrajn.**

a) Meta ma naqbilx ma dak li jgħiduli l-ġenituri, _______________________
_______________________________________________.

b) Meta xi ħadd minn sħabi jgħajjarni, _______________________
_______________________________________________.

ċ) Meta nsib xi ħaġa nieqsa _______________________
_______________________________________________.

d) Meta nara li għandi tort _______________________
_______________________________________________.

e) Meta nara li xi ħadd se jaqbad jiġġieled _______________________
_______________________________________________.

**9. Aqra din l-istorja.**

Is-Sibt fil-għodu Kevin u Ruth ħarġu mid-dar biex imorru jisimgħu l-quddiesa. Fit-triq iltaqgħu ma' żewġt iħbieb li qalulhom biex imorru magħhom għand iz-zija tagħhom. Din iz-zija kellha ħanut fejn setgħu joqogħdu jilagħbu fuq xi magni tal-logħob.

Kevin u Ruth sabuha xi ftit iebsa biex ifiehmu lil sħabhom li huma xtaqu jagħmlu dak li kienu qalu lil ommhom li se jagħmlu. Ħassewhom xi ftit imħawdin sa ma fiehmu lil sħabhom li fil-ħanut ta' zijithom imorru wara l-quddiesa.

Huma riedu l-ewwel jgħidu lil ommhom b'dak li kienu se jagħmlu. Iżda meta sħabhom telqu, huma ħassewhom ferħanin ħafna li żammew sod, u għamlu dak li kienu jaħsbu li hu sewwa.



**Immarka (✓) taħt <u>Veru</u> jew <u>Mhux Veru</u>.** **(10 marki)**

| | | Veru | Mhux Veru |
|---|---|---|---|
| **Eżempju:** | **L-Ispirtu s-Santu ġab il-ħsieb tajjeb f'moħħ it-tfal biex imorru għall-quddiesa.** | ✓ | |
| a) | L-Ispirtu s-Santu ta l-qawwa lit-tfal li jgħidu le, anke meta kienet iebsa. | | |
| b) | Il-ferħ li ħassew wara kien ferħ mill-Ispirtu mhux ferħ tal-logħob. | | |
| ċ) | Ommhom kienet li qaltilhom ma jmorrux ma' sħabhom. | | |
| d) | Fil-ħanut tal-logħob kienu jieħdu gost dak il-ħin, iżda wara kien jiddispjaċihom li ma obdewx lil ommhom. | | |
| e) | Kevin u Ruth sabuha ħafifa biex ifiehmu lil sħabhom. | | |

**10. Ikteb talba lill-Ispirtu s-Santu biex jgħinek tkun sod jew soda meta ssib min ikun irid iħajrek tagħmel dak li mhux sewwa.** **(10 marki)**